# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 235/2021

Seduta tal-4 t'Ottubru 2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Keith Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Keith Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 46793M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xhur minn Novembru 2019 sa Dicembru 2019 , meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Whitney Grima u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha thallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Lulju 2021 li biha sabet lil imputat hati u kkundannatu ghal xahar (1) prigunerija;

Rat ir-rikors ta' Keith Azzopardi pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Lulju 2021, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew *in subsidium*, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' xahar detenzjoni u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, inkluz it-traskrizzjoni tax-xiehda;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravam wiehed u konciz "*Illi peress li l-appellant kellu jaghlaq il-hanut imhabba l-Covid hu ma setghax jaghti l-manteniment dovut lill-parte civili fix-xahar imsemmi*". Illi l-Qorti tifhem b'dan illi huwa qieghed iressaq id-difiza tal-impossibilita' u ghalhekk dan l-appell ser ikun kkunsidrat minn din l-ottika;

2. Illi quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat xehed illi minhabba l-Covid kellu jaghlaq il-hanut. "*Ija ghax kif il-Covid dan ghalaqli l-hanut wkoll jigifieri xorta bqajt intihula*". Dan hu dak li l-ewwel Qorti, u issa din il-Qorti, kellha biex timxi fuqu dwar l-allegata impossibilita' tal-imputat li jhallas il-manteniment dovut;

3. Illi mid-dokumenti esebiti u mid-deposizzjoni tal-parte civile ma hemm l-ebda dubju li l-imputat hu dovut ihallas manteniment ghax-xahar lamentat u dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwaru. Kif inghad *supra*, izda, l-imputat jikkontendi li kien fl-impossibilita' li jhallas minhabba eghluq tal-hanut (jew gestit minnu jew li jahdem fih bhala impjegat);

4. Kif tajjeb osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-21 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Karl Bonello:

> **"Illi umbaghad apparti li din il-Qorti ma rrizultaliex li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond id-Digriet tas-Sekond'Awla fil-perjodu in kwistjoni, kif isosti** ANTOLISEI **fil-"*Manuale di diritto* Penali" {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989, p.376.}, l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza. (App. Krim.** Pul. Vs. Kang Se ll **[ 28.7.94] per V. De Gaetano J)"**

Din il-Qorti taghmel taghha l-insenjament emergenti minn din is-sentenza u meta applikat ghall-kwistjoni in disamina jirrizulta li huwa ezercizzju pjuttost difficli dak mistenni mill-Qorti li tiddeciedi jekk kien hemm dik l-impossibilita' li telimina l-kolpevolezza o meno tal-imptuat ghaliex ftit li xejn spjega f'hiex tikkonsisti din l-impossibilta'. Id-difiza tal-impossibilita', izda, ma tistax tkun aktar konsiderata la darba fil-mori tal-appell l-imputat hallas dak kollu minnu dovut kif jirrizulta

mid-deposizzjoni tal-parte civile quddiem din il-Qorti. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra t-tieni talba rigwardanti l-piena erogata;

5. Illi l-ewwel Qorti kkominat piena li hija fil-parametri ghar-reat li dwaru l-imputat instab hati u kif kostantement deciz minn din il-Qorti, ma huwiex normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'juri li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata. Irid jinghad, izda, illi f'kawzi ta' mertu konsimili, l-ghan tal-legislatur ikun milhuq meta l-imputat jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti jew mal-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas dak il-manteniment li hu intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti civile. U f'dan ir-rigward ta' spiss issir eccezzjoni u hekk ser isir f'dawn il-proceduri wara li l-parte civile ddikjarat illi fil-mori irceviet il-hlas kollu lilha dovut. Il-parte civile marret oltre minn hekk billi ddikjarat li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, izda dan ma hux possibbli stante li din l-azzjoni mhix wahda li ghandha titmexxa fuq it-talba tal-parti;

6. Issa ghalkemm mill-fedina penali tieghu l-imputat ma jistghax jitqies li huwa *first time offender* , il-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza erogabbli l-piena jimmerita li tkun varjata ghar-raguni moghtija *supra;*

7. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti li biha l-imputat kien ikkundannat ghal terminu ta' xahar (1) prigunerija u minflok, fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. Il-Qorti fissret fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.